MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 887/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Joseph Abela (K.I. 568962M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett mija, tlieta u erbghin ewro u tlieta u sebghin ewro centezmu (€343.73) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgibu in-numri 21802857 (CN 1017169, AC10041100) skont kif jirrizulta minn diversi kontijiet u skont l-annessi dokumenti mat-talba mmarkati IZY 1 u IZY 2..

Illi l- konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz u li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young fil-15 ta’ Jannar, 2010 u l-fatt li l-konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------